Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:-19/2013AE

**Dr Joseph Mifsud**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

Il-Gimgha, 8 ta' April 2016.

1. Il-kaz jitratta dwar il-hlas ta' pensjoni li ghaliha hu ntitolat ir-rikorrent (illum appellat). L-intimat (illum appellant) kien iddecieda li l-appellat ghandu dritt ghal €220.21 fil-gimgha, b'effett mit-13 ta' Awissu 2011. L-appellat oggezzjona. Fl-appell li pprezenta quddiem l-Arbitru qal:

*"… b'effett mit-13 ta' Awissu 2011 jien ghandi nkun intitolat ghal pensjoni kontributorja ta' €220.21 fil-gimgha oltre beneficcji ohra li jien intitolat ghalihom skont il-ligi u dan ghalkemm l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta) jistabbilixi li fil-kaz tieghi l-pensjoni kontributorja ghandha tkun l-aktar wahda gholja ta' zewg terzi (2/3) u ghalhekk, skond dak stabbilit fit-Tnax-il Skeda tal-istess Att, din ghandha tkun fl-ammont ta' €220.60 fil-gimgha minbarra f'beneficcji ohra skont l-istess ligi."*

L-Arbitru laqa' l-appell tar-rikorrent, fejn qal:-

*"Il-pendenza tikkoncerna €0.30 differenza bejn il-partijiet.*

*Dina temani minn zidiet tal-gholi tal-hajja ta' darba mahruga skond il-bagits tal-2003 – 2006 pero dejjem immirati lejn pensjonanti li gja kienu jippercepixxu l-pensjoni. Hawn tinholoq disparita' aktar minn diskriminazzjoni fis-sens li kien hemm min ha pagament wiehed tal-gholi tal-hajja biex jaghmel tajjeb ghal zidiet fil-prezzijiet tal-hobz u pitrolju, mentri dawn il-pensjonanti hadu rata annwali li tibqa' tigi percepita l-pensjoni.*

*Tista' tkun aktar u tista' tkun anqas….*

*L-appell qed jigi milqugh."*

2. Mid-decizjoni tal-Arbitru appella d-Direttur tas-Sigurta Socjali. L-aggravji huma:

    i. Id-decizjoni tal-Arbitru m'hijiex motivata u ghalhekk nulla.
    ii. Sal-2004 il-pensjonijiet kienu fiss. Pero' b'avviz legali numru 5 tal-2007, introduciet il-kuncett ta' zieda fil-pensjonijiet. Ghalhekk minn sena ghal sena pensjoni ma tibqax fissa. Biex tasal ghal pensjoni li persuna hi ntitolata ghaliha, irid jigi stabbilit x'inhu d-dhul pensjonabbli. Dan ifisser il-medja fis-sena tal-paga jew salarju baziku, jew dhul nett jew qligh

mahdum skond it-Tlettax-il Skeda tal-Att (Kap. 318). It-Tnax il-Skeda ma tapplikax.

3. B'riferenza ghall-ewwel aggravju hu maghruf li decizjoni ghandha tkun motivata, ghalkemm m'hemmx htiega li tkun elaborata. Minnha wiehed irid ikun f'posizzjoni li jkun jaf x'inhi r-raguni li tkun wasslet ghal dik id-decizjoni. Il-qorti hi tal-fehma li mid-decizjoni jidher li fehem li l-pendenza ta' €0.30 kienet tirrelata ghal zidiet tal-gholi tal-hajja li nghataw fil-budget tal-2003 sa 2006, ghal dawk il-pensjonijiet li kienu diga' qeghdin jircievu l-pensjoni. Fil-fehma tal-Arbitru, l-appellat kienet intitolat li jgawdi wkoll minn dik iz-zieda minkejja li kien intitolat ghal pensjoni b'effett mis-sena 2011 sabiex b'hekk tigi evitata disparita' bejn il-pensjonanti. Fic-cirkostanzi l-qorti ma taqbilx mal-appellant li fid-decizjoni m'hemmx motiviazzjoni. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

4. Hemm qbil li l-appellat hu ntitolat ghal **Pensjoni ta' Zewg Terzi**. Ir-rata tal-pensjoni ghal min jirtira hi stabbilita skont l-Artikoli 52 sa 57 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), b'sehh mid-data ta' meta l-persuna tirtira (Artikolu 44 tal-Att). Skond l-Artikolu 53:-

*"Ir-rata shiha tal-Pensjoni ta' Zewg Terzi msemmija taht l-artikolu 52 ghandha tkun ta'* ***zewg terzi tad-dhul pensjonabbli tal-persuna assigurata*** *li tkun hallset jew giet akkreditata b'medja fis-sena ta' hamsin kontribuzzjoni tul perjodu……"*

Skond l-Artikolu 2 tal-Att dwar Sigurta Socjali (Kap. 318):-

*"dhul pensjonabbli tfisser il-medja fis-sena tal-paga jew salarju bazici, jew dhul nett, jew qligh,* ***mahduma skont it-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att."***

5. Ghalhekk gialadarba hemm qbil li fil-kaz tal-appellat tapplika l-pensjoni ta' zewg terzi, din **trid tigi kkalkolata skond it-Tlettax-il Skeda tal-Att**. Din tipprovdi li:-

*"(1) Fil-kaz ta' persuna –*

(a) *Imwielda fil-31 ta' Dicembru 1951 jew qabel li ghandha titqies bhala persuna impjegata, il-medja fis-sena tal-paga jew salarju baziku taghha matul l-ahjar tliet snin kalendarji konsekuttivi fi zmien l-ahhar ghaxar snin kalendarji konsekuttivi li jigu minnufih qabel ma hi tirtira jew issir invalida skont dan l-Att, kif ikun il-kaz."*

Imbaghad skond paragrafu 5(a) tat-Tlettax-il Skeda:

*"Ghall-finijiet ta' dan l-Att, fil-kaz ta' persuna mwielda fil-31 ta' Dicembru 1961 jew qabel, li tirtira fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara, il-paga bazika jew is-salarju baziku jew id-dhul nett jew il-qligh nett kif ikun il-kaz, u d-dhul pensjonabbli li jirrizulta jew kull ammont li jigi sostitwit ghaliha taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att m'ghandhomx ikunu ijzed minn €16,207.78 li maghhom tizdied dik is-somma li l-Gvern jista' jaghti bhala zieda ghall-gholi*

*tal-hajja, fir-rata tal-Paga Minima Nazzjonali li tithallas lil persuni li jkunu ghalqu l-eta' ta' tmintax-il sena jew li jkunu ta' eta' akbar…. Hawn izjed 'il quddiem f'dan il-paragrafu msejha bhala z-"zieda ghall-gholi tal-hajja" mid-data efettiva ta' zjieda bhal dik:*

***Izda fil-kaz ta' persuna mwielda fil-31 ta' Dicembru 1951 jew qabel, id-dhul pensjonabbli li jirrizulta inkluza kull zieda ghall-gholi tal-hajja bhal dik m'ghandhiex tkun izjed mill-ammont ta' €17,470.30.****"*

Provvediment li dahal fis-sehh l-1 ta' Jannar 2007 (ara Avviz Legali 336 tal-2006).

Sussegwentement bl-Avviz Legali 5 tal-2007[1] gie ddikjarat li b'sehh mis-7 ta' Jannar, 2006 **id-dhul pensjonabbli m'ghandux ikun iktar minn €16,207.78 fis-sena**. Fl-2006 il-ligi kienet ghadha tipprovdi li: *"id-dhul pensjonabbli jew xi ammont iehor li jissostitwih taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att m'ghandhomx ikunu iktar minn dak l-ammont li l-Ministru jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli ghall-finanzi, jistabilixxi minn zmien ghal zmien b'ordni fil-Gazzetta."*[2]

Fis-somma ta' €16,207.78 hemm inkluz z-zieda ghall-gholi tal-hajja. Tant hu hekk li ghas-sena 2005 id-dhul pensjonabbli massimu kien ta' €15,935.24 (ara Avviz Legali 5 tal-2007). Fis-sena 2006 iz-zieda ghall-gholi tal-hajja kienet €5.24 fil-gimgha, li jissarraf f'zieda ta' €272.48 ghal sena. Ghalhekk €15,935.24 + €272.48 = **€16,207.72**.

Id-dhul pensjonabbli massimu ghas-sena 2011 kien **€17,176.94**. Din hi proprju c-cifra li fuqha l-appellant ghamel il-kalkoli. Il-qorti qeghda tirriproduci skeda li turi kif waslet ghal din ic-cifra:

| **Sena** | **Zieda fil-gimgha(€)**[3] | **Dhul pensjonabbli massimu (€)**[4]. |
|---|---|---|
| 2005 | | 15,935.24 |
| 2006 | | 16,207.78 |
| 2007 | 4.08 | 16,419.94 |
| 2008 | 3.49 | 16,601.42 |
| 2009 | 4.08 | 16,813.58 |
| 2010 | 5.82 | 17,116.22 |
| 2011 | 1.16 | **€17,176.54.** |

Jidher ghalhekk li l-kalkoli li ghamel l-appellant huma korretti u bazati fuq dak li kien jipprovdi it-Tlettax-il Skeda fis-sena 2011, cjoe' s-sena li fiha sar il-kalkolu. Hu veru li:-

i. Il-qliegh tal-appellat matul is-snin 2008-2010 kien iktar, pero paragrafu 5(a) tat-Tlettax-il Skeda iffissa massimu ta' **Lm6,958 (€16,207.78)**

[1] *Maximum Pensionable Income Order*, 2007.
[2] Ara paragrafu 5(4) tat-Tlettax-il Skeda qabel dahlu fis-sehh l-emendi tal-Att XIX tal-2006.
[3] Ara Legislazzjoni Sussidjarja 452.71 (*National Minimum Wage National Standard Order*).
[4] Wara li zzid iz-zieda ghall-gholi tal-hajja.

ghal dik li hi *"... il-paga bazika jew is-salarju baziku jew id-dhull nett jew il-qligh nett kif ikun il-kaz"*, ma' liema ammont irid jizdied "iz-zieda ghall-gholi tal-hajja"[5]. Il-ligi ma tikkontemplax fil-kalkolu tal-pensjoni ta' zewg terzi ghandha tittiehed in konsiderazzjoni xi zieda ohra, ghajr dik li tissemma f'paragrafu 5(a) tat-Tlettax-il Skeda.

ii. Il-proviso ghal paragrafu 5(a) jipprovdi li f'kaz ta' persuna li twieldet fil-31 ta' Dicembru 1951 jew qabel, kif inhu l-kaz tal-appellant, id-dhul pensjonabbli flimkien maz-zieda ghall-gholi tal-hajja *".... m'ghandhiex tkun izjed mill-ammont ta' **€17,470.30,"*** pero' l-qorti tifhem li dan m'huwiex rilevanti ghaliex kien qieghed jipprospetta l-futur fis-sens li holoq massimu ghal futur fil-kaz ta' persuni li jidhlu f'dik il-kategorija tal-massimu ta' dhul pensjonabbli.

6. L-appellat ghamel riferenza ghat-Tnax-il Skeda, fejn fl-Avviz Legali 330 tal-2011 jinghad li l-oghla rata ta' zewg terzi fil-gimgha hi €220.60. Din hi r-rata li l-appellat jippretendi li ghandu jedd ghaliha. Skond l-Artikolu 54, persuna li tikkwalifika ghar-rata shih ta' pensjoni ta' Zewg Terzi taht l-Artikolu 53, f'ebda kaz m'ghandha tircievi *".... Izjed mill-oghla rata ta' Pensjoni ta' Zewg Terzi skont it-Tnax-il Skeda ta' dan l-Att"*. Pero' skond l-Artikolu 53 tal-Kap. 318: *"Ir-rata shiha tal-Pensjoni ta' Zewg Terzi msemmija taht l-Artikolu 52 ghandha tkun ta' **zewg terzi tad-dhul pensjonabbli tal-persuna assigurata**.....".* L-Artikolu 2 jipprovdi li d-dhul pensjonabbli jrid jigi kkalkolat skond it-Tlettax-il Skeda. Kif rajna skond ma jinghad f'dik l-iskeda, fis-sena 2011 id-dhul pensjonabbli massimu kien **€17,176.54** fis-sena u f'liema cifra hemm inkluz iz-zieda ghall-gholi tal-hajja. Ghalhekk ghal kull gimgha l-pensjoni hi ta' **€220.21**, li hi proprju c-cifra li llikwida l-appellat. Jidher ghalhekk li l-kalkolu li ghamel l-appellant kien korrett in kwantu bbazat fuq id-disposizzjonijiet li japplikaw ghal kaz tal-appellat.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel aggravju.**
2. **Tilqa' t-tieni aggravju u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tas-16 ta' Ottubru 2013 u minflok tikkonferma d-decizjoni tal-appellant tal-24 ta' Awissu 2011, bl-ispejjez kontra l-appellat**.

Anthony Ellul.

[5] Din hi r-rata tal-Paga Minima Nazzjonali li tithallas lil persuni li jkunu ghalqu l-eta' ta' 18 il-sena jew akbar.